Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 22/2013AE

Fil-kwistjoni tax-Xogħol 3075:

**Sammy M. Hazzouri**

**u**

**Jesmond Formosa u Joe Formosa bħala proprjetarji ta' St. Elias Pharmacy**

It-Tnejn, 22 ta' Frar 2016

B'rikors preżentat quddiem it-Tribunal Industrijali, l-ispiżjar Sammy M. Hazzouri talab dikjarazzjoni li t-tmiem tal-impjieg tiegħu ma' Jesmond Formosa u Joe Formosa kien inġust u llegali. Għal dan l-intimati wieġbu li l-kuntratt ġie tterminat waqt il-perjodu ta' sitt xhur prova (*probationary period*).

B'deċiżjoni *in parte* mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2013, it-Tribunal iddeċieda li:-

1. Qabel ġie ffirmat il-kuntratt ta' impjieg, kienu saru diskussjonijiet bejn il-partijiet. Mill-kuntratt ta' impjieg kienet tnehhiet il-klawżola tal-probation, ghaliex l-intendiment kien li ma kienx hemm żmien ta' prova.
2. Jekk il-perjodu ta' probation japplika wkoll ghall-kuntratt ta' impjiegi bi żmien definit, ikun qieghed jigi żnaturat l-iskop ta' kuntratt ta' durata definita.

L-intimati appellaw mis-sentenza, bl-aggravji li (i) id-deċiżjoni tmur kontra l-Artiklu 78(1) tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u għalhekk hija nulla u (ii) kuntrarjament għal dak li sab it-Tribunal, l-Artiklu 36(1) tal-att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali (Kap. 452) ma jagħmilx distinzjoni bejn kuntratti ta' mpjieg għal żmien indefinit u dawk għal żmien definit. Għalhekk il-*probationary period* japplika wkoll fil-kaz ta' kuntratt ta' mpjieg ghal zmien definit (ara sentenza ta' din il-qorti fil-każ **Roderick Borg vs Hospitality Services Limited**, 29 ta' Novembru 2012). Għaldaqstant, it-Tribunal interpreta l-liġi ħażin meta ddikjara li l-perjodu ta' prova ma japplikax għal kuntratti ta' mpjieg għal żmien definit bħal dak bejnhom u bejn ir-rikorrent.

**<u>Fatti</u>**.

1. B'kuntratt ta' impjieg datat 12 ta' Jannar 2012, l-appellanti mpjegaw lill-appellat bhala managing pharmacist ta' St Elias Pharmacy, ġewwa x-Xghajra ghall-perjodu ta' tnax-il xahar b'seħħ mill-1 ta' Frar 2012;
2. Permezz ta' ittra datata 14 ta' Ġunju 2012, l-appellat ġie nfurmat mill-prinċipal: *"…. I regret to infrom you that your services as managing pharmacist at St Elias Pharmacy in Xghajra are no longer required with immediate effect and the said contract is being terminated within the probationary period"*.

**<u>L-Ewwel Aggravju.</u>**

L-Artiklu 78(1) tal-Kap 452 jaqra: *"It-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kwistjoni mibgħuta lilu fi żmien perjodu li ma jkunx iktar minn* ***xahar*** *mid-data ta' meta l-kwistjoni tkun intbagħtet, sakemm fil-fehma taċ-chairperson ma jkunx meħtieġ żmien itwal għal raġuni valida li għandha tiġi msemmija u reġistrata fil-proċeduri tat-Tribunal"*.

Fis-16 ta' Ottubru 2012 l-appellat ippreżenta r-rikors promotur quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-każ ġie appuntat ghas-smiegħ għas-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012, u fl-24 ta' Gunju 2013 inghatat is-sentenza *in parte*.

Il-provvediment tal-ligi ma jipprovdix li jekk il-proċeduri jdumu iktar minn xahar minn *"…meta l-kwistjoni tkun intbaghtet"*, allura l-proċeduri huma nulli. Hu evidenti li l-ghan tal-leġislatur kien li kwistjonjiet ta' xogħol kellhom jingħataw prijorita' u jinstemgħu u jiġu deċiżi fl-iqsar żmien possibbli. Pero' hu car wkoll li t-terminu ta' xahar m'huwiex perentorju. Mill-atti ma jirriżultax li l-appellanti kienu ssollevaw din il-materja quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-qorti tasal biex tgħid li hu umanament possibbli li l-każijiet ta' xogħol jinstemgħu f'perjodu daqstant qasir meta tqies il-workload, il-fatt li chairpersons ma jaħdmux *full time* u n-norma hi li jridu jinstemgħu l-provi. Mill-verbali tas-seduti jirriżulta x'kienet ir-raġuni ghalfejn il-każ kien qiegħed jiġi differit minn seduta ghall-ohra. Hekk per eżempju l-ewwel seduta ma saritx ghaliex ir-rikorrent kien talab li s-smiegh isir f'seduta oħra minhabba li kellu appuntament biex ifittex impjieg. It-Tribunal laqa' t-talba u ddiferixxa s-smiegh tal-każ ghas-seduta tat-28 ta' Jannar 2013. Dakinhar it-Tribunal stieden lir-rikorrent, li ma kienx assistit minn avukat, sabiex jinkariga avukat biex jassistih u l-każ gie differit ghas-seduta tal-1 ta' April 2013. F'dik is-seduta nstemgħu l-provi tal-partijiet fuq il-punt preliminari, u l-kaz thalla ghal deciżjoni preliminari li nghatat fis-seduta tal-24-ta' Ġunju 2013. Għalhekk fil-verbali tas-seduti t-Tribunal kien qieghed jagħti r-raġuni ghalfejn kellu bżonn iktar żmien mix-xahar kontemplat fil-liġi.

Fiċ-ċirkostanzi dan l-aggravju hu miċħud.

**<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

In sostenn tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti rrilevaw li t-Tribunal straħ fuq sentenza tiegħu stess fl-ismijiet *Roderick Borg v Hospitality Services Limited* li nterpretat il-Kap 452 fis-sens li joħloq perjodu ta' prova għal kuntratti ta' mpjieg għal żmien indefinit biss. Deċiżjoni li ġiet appellata u b'sentenza tal-29 ta' Novembru 2012 din il-qorti qalet li l-perjodu ta' prova **japplika wkoll** għal kuntratti ta' mpjiegi għal żmien definit sakemm ma jiġix imnaqqas jew eskluż mill-partijiet.

L-appellanti komplew jargumentaw li s-sempliċi assenza ta' klawżola kuntrattwali dwar il-perjodu ta' prova m'għandhiex tfisser li ġiet eskluża mill-partijiet, u illi: *"dan jidher aktar biċ-ċar mid-disgwid bejn il-partijiet li ħareġ mill-provi"*. Għal dan l-appellat iwieġeb li (i) effettivament l-intimati qegħdin jistiednu lil din il-Qorti terga' tevalwa l-provi, ezercizzju li kien diga' sar mit-Tribunal, li rriżultalu li l-partijiet kienu ftiehmu li ma jkunx hemm perjodu ta' prova mentri skond ġurisprudenza paċifika din il-Qorti ma timmiskjax ruħha fihom għajr għal raġunijiet gravi u (ii) li l-ġurisprudenza ċċitata mill-appellanti ma tapplikax għax il-partijiet ftiehmu li jeskludu l-perjodu ta' prova.

Fis-sentenza **Roderick Borg vs Hospitality Services Limited**, din il-qorti qalet:-

*"Illi din il-Qorti thoss li fil-verita' l-artikolu 36(1) tal-Kap. 452 ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn kuntratt ghal żmien definit, u allura l-perjodu ta' probation ta' sitt xhur japplika fiż-żewġ każi, dment li ma jkunx hemm ftehim ghall-terminu iqsar miftiehem bejn il-partijiet".*

L-Artikolu 36(1) tal-Kap. 452 jipprovdi:-

*"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (16), l-ewwel sitt xhur ta' kull impieg taħt kuntratt ta' servizz ikun impieg bi prova, sakemm żmien iqsar ta' impieg bi prova ma jiġix miftiehem bejn iż-żewġ partijiet"* .

Hu fatt li l-liġi tipprovdi ghal perjodu ta' prova fil-każ ***"... ta' kull impieg taħt kuntratt ta' servizz"***. Jidher li l-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn kuntratt ta' servizz ghal żmien indefinit u definit, ghalkemm il-qorti tistqarr li jidher kemxejn kontradittorju li mpjegat jinghata *a fixed term contract* u fl-istess hin l-kuntratt jista' jigi terminat matul il-perjodu ta' prova. Fil-fehma tal-qorti r-regola ghandha tkun li sabiex ikun hemm perjodu ta' prova, ghandha tigi espressament stipulata fil-kuntratt ta' mpjieg.

F'kull kaz, it-Tribunal Industrijali qal:-

*"Illi kien hemm diskussjoni bejn il-partijiet fuq il-klawzola tal-probation u kif jirrizulta mix-xhieda, il-klawżola tal-probation tnehhiet minn fuq il-kuntratt*

*ghaliex l-intendiment kien li ma jkunx hemm zmien ta' prova.*

*Illi r-rikorrent tishaq li kien hemm understanding mas-Socjeta illi l-probation kellha tigi eskluża. Filwaqt illi m'hemmx klawżola specifika li qed teżonera l-probation, min-naha l-ohra s-sur Formosa stess fix-xhieda tieghu kkonferma li dan it-tip ta' diskors sar u kkonferma li s-sur Hazzouri qalagħha din il-kwistjoni li hu ma riedx il-klawżola ta' probation, għaliex ma riedx jitlaq minn post li hu secure biex imur ghal post li seta' jitkeċċa wara gimgha. Fil-fatt ma kienx hemm probation imniżżla bejn iż-żewg partijiet".*

Minn dan l-estratt hu altru milli evidenti li t-Tribunal Industrijali kkonkluda li fil-fatt il-ftehim bejn il-partijiet kien li ghall-impjieg tal-appellat ma japplikax il-*probationary period*. Il-qorti ma tistax tlum lit-Tribunal Industrijal li wasal ghal din il-konklużjoni meta tqies li l-appellant Jesmond Formosa xehed:

*"Mela bhala kuntratt kont niżżilt kuntratt standard minn fuq l-internet u kien hemm ovvjament miegu wkoll imdahhal il-klawżola tal-probation u s-sur Hazzouri qalli, oggeżżjona li tkun miktuba imma speci, mill-ewwel ghidtlu dik hija xi haġa tal-Ligi tal-pajjiż, mil-Labour x'jismu, wage, wage regulation u waqafna hemmhekk"*.

Il-klawżola tal-probation tneħħiet għaliex il-ftehim kien li fil-kaz tal-appellat ma kellux ikun hemm *probationary period*. Hekk biss il-qorti tista' tinterpreta 'l fatt li tneħħiet il-klawżola tal-probation mill-kuntratt li eventwalment iffirmaw il-partijiet. Hu veru li klawżola 14 tipprovdi:

*"The conditions of employment shall be regulated by reference to Maltese labour legislation unless stipulated hereinabove"*.

Fil-kuntratt m'hemmx klawżola li espressament teskludi l-*probationary period*. Madankollu l-qorti m'ghandhiex l-icken dubju li t-Tribunal ghamel apprezzament tal-provi korrett. It-Tribunal kien jagħmel hażin kieku skarta l-prova li oriġinarjament l-appellanti ppreżentaw lill-appellat b'abbożż ta' kuntratt ta' mpjieg li kien fih klawżola li tikkontempla perjodu ta' prova. Wara diskussjoni din ma baqgħetx fil-kuntratt. Il-konklużjoni hi li l-intenżjoni tal-partijiet kienet li ghall-impjieg tal-appellat ma japplikax il-*probationary period*. Hu veru li Jesmond Formosa xehed: *"…. Mill-ewwel ghidtlu dik hija xi haga tal-Liġi tal-pajjiż…"*. Il-qorti ma temmnux. Fuq bażi ta' probabilita' kieku qal hekk ma kienx ser jaċċetta li l-kawżola titnehha mill-kuntratt ta' mpjieg.

L-Artikolu 36(1) tal-Att ma jipprekludix lill-partijiet milli jiftehemu li jeskludu l-*probationary period*. Fil-fatt jipprovdi: *"unless otherwise agreed by both parties for a shorter probation period"*. M'huwiex kontra l-liġi li l-partijiet jiftehemu li ma jkunx hemm perjodu ta' prova.

Apparti li ma tressaq l-ebda aggravju dwar l-apprezzament tal-provi li ghamel it-

Tribunal, f'kull każ appelli quddiem din il-qorti jistgħu jsiru biss fuq punti ta' ligi.

Dan l-aggravju hu miċħud ukoll.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti. Tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex jissokta bis-smiegħ tal-kaz.**

Anthony Ellul.